# L-Innu lill-Madonna tal-Ġilju mniedi Ħamsin Sena ilu

**Riċerka u kitba ta' Charles Farrugia B.A. (Hons.), M.A.**

Is-sena 1949 fissret pass ieħor importanti għas-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju ġewwa l-Imqabba. Proprju ħamsin sena ilu ndaqq għall-ewwel darba l-innu 'Lill-Madonna tal-Ġilju'. Dan kien l-ewwel innu tax-xorta tiegħu ġewwa l-Imqabba. Nistgħu ngħidu li dan l-Innu wkoll kien frott l-inizjattiva ta' Mro. Joseph Darmanin, Surmast-Fundatur tal-Banda Lily. Iżda tajjeb li fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju nħarsu lejn l-ambjent storiku li fih inkiteb dan l-Innu kif ukoll lejn l-istruttura ta' l-Innu nnifsu.

**Sfond Storiku**

Bejn l-1939 u l-1945 Malta kienet milquta mill-flaġell tat-Tieni Gwerra Dinjija. Dan il-perjodu tefa' lill-poplu Malti f'paniku u nkwiet liema bħalu. Kien forsi wkoll bħala riżultat ta' dawn iż-żminijiet koroh li mal-waqfien tal-gwerra ħafna bdew iħarsu b'mod mill-aktar pożittiv lejn il-ġejjieni. F'dan il-kuntest ukoll li fid-9 ta' Diċembru 1945 il-Banda Lily daqqet l-ewwel programm tagħha fil-pjazza ta' l-Imqabba. Dan sar wara żmien twil ta' tħejjija. Jidher li s-snin ta' wara l-1945 kienu snin immarkati minn ċertu ottimiżmu. Dan jidher ukoll mill-fatt li fl-1948 il-Banda Lily kienet attiva sew u qed tieħu inizjattivi siewja. F'dan il-perjodu l-Banda Lily kienet tieħu sehem fil-Programm tal-Banka tal-Lottu kif ukoll fil-programm annwali ta' Ħadd il-Palm. Fl-1 ta' Frar 1948 sar Programm Mużikali fil-Pjazza tal-Knisja taħt it-tmexxija ta' Mro. Darmanin. Fost is-siltiet li ndaqqu kien hemm 'Un Ballo in Maschera' u 'Rigoletto' ta' Verdi u l-'Unfinished Symphony' ta' Schubert. F'Ġunju 1948 saret viżta pastorali mill-Isqof Mikiel Gonzi ġewwa r-raħal ta' l-Imqabba. Hu għamel żjara fil-Każin tal-Ġilju u ntlaqa' mill-Banda Lily nhar il-Ħadd, 6 ta' Ġunju 1948, permezz tad-daqq ta' l-Innu Pontifiku.

Għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju ta' l-1948, il-Banda Lily ġiet regalata b'sett ta' sitt standardi ġodda. Dawn kienu l-istandard ta' l-istess Banda Lily regalat minn Innocent Ghigo, l-istandard Ingliż regalat minn Joseph Magri, l-istandard Amerikan imħallas minn Carmelo Magri, l-istandard Malti mogħti minn Joseph Zarb u Salvu Facciol, dak tal-Papa miġbur minn fost is-soċji u ieħor Irjali regalat minn Ċensu Camilleri.[1] Dawn id-donazzjonijiet kollha f'sena waħda juru sens ta' ottimiżmu u wkoll fiduċja fi żminijiet aħjar li kienu ġejjin fuq il-Banda Lily.

Dawn l-avvenimenti ma kienux neqsin ukoll minn diffikultajiet. Mro. Darmanin għadu jiftakar sewwa kemm tħabat sabiex jikseb il-partituri ta' l-Innijiet Nazzjonali ta' pajjiżi differenti sabiex ikun jista' jdoqqhom fl-inawgurazzjoni ta' kull standard. Sar marċ mill-Banda Lily u l-istandardi nħarġu mid-djar rispettivi tal-benefatturi tagħhom. Ħdejn kull dar indaqq l-innu tal-pajjiż rappreżentat bl-istandard.[2]



*Dun Frans Camilleri.*

Problema oħra li nqalgħet kienet rigward l-istandard Irjali u dwar kemm dan seta' jsir skond ir-regolamenti dwar emblemi Irjali. Lucrezio Zammit jiftakar li Antonia, il-mara ta' Ċensu Camilleri li ħallas dan l-istandard, kienet marret għand il-Prinċipessa Eliżabetta li dak iż-żmien kienet toqgħod fi Gwardamanġa sabiex tintervjeni f'din il-kwistjoni u dan l-istess standard dam snin ma jinħareġ minħabba dawn il-problemi. Sabiex jieħu parir dwar dan il-każ, il-Kaxxier tas-Soċjetà, Anthony Ghigo, kiteb lis-Segretarju tal-Każin Duke of Edinburgh tal-Birgu. Dan ta' l-aħħar kiteb lura u qallu: "Naħseb li aħjar tilagħbuha tal-boloh...".

Jidher li l-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju kien ferm attent li ma jxellef dufrejh ma' l-awtoritajiet bl-ebda mod. Nhar it-28 ta' Ġunju 1948, is-Segretarju Leonard Bilocca kiteb lill-



*Mro. Joseph Darmanin qed jiffirma l-partitura l-ġdida ta' l-Innu f'Settembru 1998 ġewwa l-każin tas-Soċjetà.*

Gvernatur sabiex joħroġ permess sabiex jitwaħħal il-George Cross fuq l-istandard il-ġdid li rregalaw Joseph Zarb u Salvu Facciol.[3] Dwar is-suġġett l-Awtoritajiet ikkonsultaw l-Ordinanza Numru XVI ta' l-1943 u ġie deċiż li ma kienx hemm bżonn ta' xi permess speċjali marbut mat-talba tal-Każin tal-Ġilju.[4] Fid-19 ta' Lulju 1948, is-Segretarju Privat tal-Prim Ministru nforma lil Bilocca sabiex ikollu laqgħa miegħu. Għal din il-laqgħa attenda Karmenu Galea li kien membru tal-Kumitat u dan ġie nfurmat li ma kien hemm l-ebda permess meħtieġ sabiex il-George Cross jintuża fuq l-istandard Malti għaliex dan kien diġà parti mill-bandiera Maltija.[5] Wieħed irid ifakkar li dawn id-dettalji kienu jingħataw ċerta importanza peress li Malta kienet għadha Kolonja kif ukoll peress li l-George Cross ma kienx ilu snin twal li ngħata l-pajjiżna.

F'dan l-isfond inkiteb l-Innu lill-Madonna tal-Ġilju li sa llum il-ġurnata għadu jsaħħar lid-dilettanti tal-festi. L-ispirtu ta' l-Innu jinbena fuq il-lirika u l-mużika li magħquda flimkien inisslu ċertu devozzjoni f'qalb id-devoti. Iżda żgur li l-professjonalità ta' l-Innu lill-Madonna tal-Ġilju kienet frott tas-snin twal ta' esperjenza taż-żewġ protagonisti tiegħu: Dun Frans Camilleri bħala awtur tal-lirika u Mro. Joseph Darmanin bħala mużiċist.

Fl-1948 l-Innu lill-Madonna tal-Ġilju kien diġà lest peress li nsibu li f'dik is-sena ġie ppubblikat fi ktieb b'diversi innijiet ta' Dun Frans Camilleri.[6] Il-lirika hi komposta minn sitt strofi differenti, li waħda minnhom hi r-ritonell li jiġi ripetut wara kull strofa. Il-versi huma versi li jalternaw bejn tmienja u seba' sillabi. L-għażla tal-kliem hi mimlija aġġettivi ta' tifħir lill-Madonna bħal mfewħa, safja, sbejħa, nadifa u ħelwa.

Fil-mużika Mro. Darmanin inkluda tenur u baritonu li wara daħla ħafifa permezz tal-kor, jesegwixxu d-diversi passaġġi mill-vuċijiet tal-kor. L-ilħna sodi tal-vuċijiet jalternaw ma' l-ilħna ħelwa tal-kor fid-diversi ritonelli.

**Dun Frans Camilleri (1919-1990)**

Dun Frans Camilleri twieled nhar id-29 ta' Jannar 1919 f'numru 60, Triq Ħal Qormi, il-Ħamrun, iben Ġanni Camilleri u Ġużeppina imwielda Barbara. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-Gvern, fl-iskola ta' San Pawl u fis-seminarju fejn wara daħal l-Università ta' Malta u studja l-Filosofija u t-Teoloġija. Ġie ordnat saċerdot fl-1943 u qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu fl-1 ta' Awissu ta' l-istess sena. Kellu rabta qawwija ma' l-Għaqda Mużikali San Gejtanu tal-Ħamrun u serva ta' Direttur Spiritwali ta' l-istess għaqda bejn l-1944 u l-1990.[7]

Matul il-karriera tiegħu Dun Frans Camilleri kiteb aktar minn 450 innu. Hu kien wieħed mill-fundaturi ta' l-Akkademja tal-Malti fl-1949. Dam jgħallem fil-Kulleġġ San Alwiġi għal 27 sena, mill-1944 sal-1971. Kien intiż ferm fil-fotografija u ħabib kbir tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila.[8]

**Mro. Joseph Darmanin (1918- )**

Mro. Joseph Darmanin twieled il-Belt Valletta nhar it-Tnejn, 29 ta' April, 1918, mill-ġenituri Mro. Antonio Darmanin li kien minn Korfù u Emanuela née Gruppetta minn Ħaż-Żabbar. Huwa attenda l-iskola primarja ta' Tas-Sliema u minn ċkunitu kienet tinħass fih ġibda speċjali għall-mużika tant li ta' 13-il sena kien diġà jdoqq mal-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema li kienet taħt id-direzzjoni ta' missieru Antonio.

Darmanin daħal fis-Servizz Militari fl-1935 u fil-ħin liberu kien jistudja t-teorija u l-armonija filwaqt li kompla jdoqq u jipprattika l-klarinett. Hu għamel karriera ta' 28 sena u nofs fis-Servizz Militari u spiċċa mill-armata bir-rank ta' Warrant Officer Class II, fl-1964.

Fil-ħajja familjari tiegħu Mro. Darmanin iżżewweġ lil Phyllis née Sammut u kellhom erbat itfal: Lillian, Marie-Louise, Charles u Victor.

Fil-qasam mużikali, Mro. Darmanin kellu suċċessi kbar. Hu studja taħt surmastrijiet magħrufa bħal Vincenzo Costa, Carmelo Pace u Joseph Stivala. Fl-1945 huwa waqqaf il-Banda Lily ġewwa l-Imqabba u fl-istess sena ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema. Bejn l-1953 u l-1955 ġie maħtur ukoll Surmast Direttur tal-Banda San Nikola tas-Siġġiewi. Is-suċċess mużikali tiegħu komplieh ġewwa l-Awstralja fejn emigra fl-1964. Hemm hu ta kontribut kbir fil-Banda tat-Territorial Army u l-Banda ta' Ashfield. Fi Frar 1976, Mro. Joseph Darmanin ifforma l-ewwel Banda Maltija ġewwa l-Awstralja 'The Our Lady Queen of Peace Parish Band' ġewwa Greystanes, fi New South Wales. Darmanin għadu jmexxi din il-banda sal-ġurnata ta' llum.[9]

**L-ewwel darba li ndaqq l-Innu l-Kbir**

Minħabba r-restrizzjonijiet li kien impona l-Konċilju Reġjonali ta' l-1935 fuq il-festi sekondarjij, ma kienx permess li jsir programm mużikali ieħor fil-ġimgħa tal-festa. Biex tinħarab din ir-regola ħafna drabi kien isir programm mużikali s-Sibt ta' qabel il-festa li peress li ma jistax jitqies bħala fil-ġimgħa tal-festa, kien permess. Il-programm tas-7 ta' Mejju 1950 kien wieħed minn dawn il-programmi esegwiti mill-Banda Lily. Dan il-programm kien jinkludi s-siltiet hawn taħt imsemmija:

| | | |
|---|---|---|
| Marcia Sinfonica | UNIVERSO | L. Ingo |
| Overture | LA GAZZA LADRA | G. Rossini |
| Pezzi Scelti | RIGOLETTO | G. Verdi |
| Valse | FIORENTINA | J. Darmanin |
| Fantasia | IL GUARANY | A. Gomez |
| Innu | BANDA LILY | J. Darmanin |
| Innu | MALTI/GOD SAVE[10] | |

Il-programm l-ieħor kien isir f'lejliet il-festa kif għadha t-tradizzjoni sa llum u fih jindaqq l-Innu lill-Madonna tal-Ġilju fil-verżjoni l-qasira tiegħu. Jidher li ż-żewġ programmi kienu jingħataw l-importanza tagħhom u l-programm ta' ġimgħa qabel kien ikun programm ta' livell u mhux sempliċiment programm ta' mużika mexxejja. Dan jidher ukoll mill-għażla tas-siltiet fil-programm ta' ġimgħa qabel, għażla li żgur ma tesegwix jekk mhux b'banda tajba.

Kien iżda fil-programm ta' lejlet il-festa li l-Innu lill-Madonna tal-Ġilju fil-verżjoni t-twila ndaqq għall-ewwel darba. Fil-programm mużikali tal-20 ta' Mejju 1950 indaqqu dawn ix-xogħlijiet:

| | | |
|---|---|---|
| Innu | LILL-MADONNA TAL-ĠILJU | J. Darmanin |
| Marcia Sinfonica | ALBA DI GLORIA | Cognato |
| Overture | NORMA | V. Bellini |
| Innu | BANDA LILY | J. Darmanin |
| Innu | GOD SAVE[11] | |

**Partitura ġdida fl-1998**

Matul l-1998 l-Arkivista tal-Banda Lily is-Sur Michael Ghigo ħa ħsieb li ssir kopja tal-partitura ta' l-Innu l-Kbir, liema partitura kienet ilha tintuża għal dawn l-aħħar ħamsin sena. F'Awissu u Settembru 1998 Mro. Joseph Darmanin kien għal btala f'Malta u kif jagħmel kull meta jkun f'pajjiżna żar il-każin tas-Soċjetà. Kien proprju fit-8 ta' Settembru 1998 li waqt li Mro. Darmanin żar il-każin iffirma l-partitura l-ġdida ta' l-Innu l-Kbir. Hawn ingħata merħba denja mill-membri tal-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju u fl-istess okkażjoni iffirma l-partitura ta' l-Innu.

**L-Innu fuq CD**

Sabiex jiġi mfakkar il-50 sena mill-kitba ta' dan l-Innu, is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju ħadet ħsieb tirrekordja dan l-Innu fuq CD. It-tnedija uffiċjali ta' dan is-CD sar f'Villa Overhills nhar il-15 ta' Jannar 2000. Fl-istess okkażjoni ħadet sehem il-Banda Lily. Matul il-festa tas-sena 2000 l-istess Soċjetà ser tkompli tfakkar dan l-avveniment peress li ser tkun il-Banda Lily li ddoqq dan l-Innu fuq il-planċier meravilja waqt il-festa ta' din is-sena. Dan il-ġest għandu jkun tislima denja lil Ommna l-Madonna tal-Ġilju f'dan l-anniversarju.




*Parti mill-partitura ta' l-Innu l-Kbir miktub minn Mro. Joseph Darmanin fuq lirika tas-Saċerdot Poeta Dun Frans Camilleri.*

1. C. Farrugia, *Tal-Ġilju: Il-Banda u s-Soċjetà fl-Imqabba* (Malta 1995), 243.
2. Intervista ma' Mro. Joseph Darmanin fl-Imqabba, 14.vi.1993.
3. N(ational) A(rchives) of M(alta), *OPM* 1153/1948.
4. *Ibid.*
5. *Ibid.*
6. F. Camilleri, *Innijiet* (Malta 1948), 13.
7. H. Muscat, 'Diretturi Spiritwali ta' l-Għaqda Mużikali San Gejtanu' fil-*Programm tal-Festa ta' San Gejtanu 1997* (Malta 1997), 239.
8. Intervista ma' Dun Frans Camilleri, 5.ix.1990.
9. Għal profil aktar dettaljat dwar Mro. Joseph Darmanin ara C. Farrugia, *Tal-Ġilju...* (Malta 1995), 271-18.
10. Arkivju Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, Mqabba, *Misc.*
11. *Ibid.*